MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2006

Rikors Numru. 19/2002/1

Anne Miller f'isimha proprju u b'digriet ta' Marzu, 2005 giet nominata bhala kuratrici *ad litem* ta' binha minuri Ben Alexander Genovese u Dr. Dingli assuma l-atti f'isem ir-rikorrenti fit-28 ta' Novembru, 2002
vs
L-Avukat Generali, il-Prim Ministru, il-Ministru ta' l-Intern, id-Direttur tac-Cittadinanza u tal-'Expatriates', il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' l-attrici li bih ippremettiet:

1. Illi Ben Genovese huwa tifel ta' nazzjonalita` Brittanika li kien twieled l-Iskozja Renju Unit iben tar-rikorrenti, ukoll ta' nazzjonalita` Brittanika, u iben ukoll ta'

Joseph Genovese, ta' nazzjonalita` Maltija u dan minn relazzjoni extra-konjugali.

2. Illi Ben Genovese twieled fit-2 ta' April 1996 u ghalhekk kien ghadu minorenni.

3. Illi r-rikorrenti sabiex tiggarantixxi bi dritt, id-dritt fondamentali tad-dgawdija tal-hajja familjari tat-tifel taghha, u dan peress li missier it-tifel kien ta' nazzjonalita` Maltija u fil-fatt kien jirresjedi Malta, kienet xtaqet taghmel dak kollu necessarju sabiex l-imsemmi Ben Alexander Genovese jakkwista c-cittadinanza Maltija u ghal dan il-ghan kienu saru kuntatti ma' ufficjali tad-Dipartiment tac-Cittadinanza.

4. Illi minn dawk il-kuntatti kien irrizulta li jezisti impediment ta' natura legali liema impediment kien johrog minn diskriminazzjoni bejn tfal legittimi u dawk illegittimi fl-akkwist tac-cittadinanza Maltija.

5. Illi l-Artikolu 5(2)(b) tal-Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li fil-kaz ta' persuna mwielda "fi jew wara l-1 ta' Awissu 1989" u li "jitwieled barra minn Malta fi jew gurnata stabbilita jitqies li jkun sar jew isir cittadin ta' Malta fil-gurnata tat-twelid tieghu jekk fil-gurnata tat-twelid ta' dik il-persuna missierha jew ommha tkun cittadin ta' Malta".

6. Illi ghalkemm Ben Genovese kien jikkwalifika pjenament ghal cittadinanza Maltija skond il-kriterji ghac-cittadinanza kontemplati fl-imsemmi artikolu, fil-fatt pero` kien qed jigi prekluz minn dan id-dritt minhabba diskriminazzjoni fil-konfront tieghu ibbazata fuq il-fatt li twieled barra miz-zwieg u allura hu illegittimu.

7. Din id-diskriminazzjoni kienet tirrizulta mill-Artikolu 17(1)(a) tal-Kap 188, liema artikolu jistipula li "f'dan l-att", "kull riferenza ghall-missier ta' persuna ghandha, dwar persuna mwielda barra miz-zwieg u mhux legittima tiftiehem bhala riferenza ghall-omm ta' dik il-persuna".

8. Illi fil-fatt persuna mwielda l-istess data b'ġenituri ta' nazzjonalita` identika ghal dik tal-genituri ta' Ben Genovese pero` legittima kienet tikkwalifika bi dritt ghac-cittadinanza Maltija waqt l-istess cirkostanzi identici ghal Ben Genovese ma kienuex japplikaw unikament ghaliex kien tifel illegittimu.

9. Illi dan l-impediment, frott 'il fuq imsemmija diskriminazzjoni, kien gie konfermat mhux biss mill-kuntatti li kienu saru ma' ufficjali gholja mill-istess Dipartiment tac-Cittadinanza, izda wkoll minn dokument mahrug mill-istess dipartiment u moghti lir-rikorrenti mill-imsemmija ufficjali fejn hemm specifikat x'jigri meta issir applikazzjoni fil-kaz meta "father was a citizen of Malta at the time of birth". Hemm kien gie specifikat li l-fatt li "your parents were not married. Under Maltese law and for citizenship purposes, the mother "replaces" the father; hence you were born in England of a mother likewise born in England; therefore you never had a claim to Maltese citizenship".

10. Illi minn dan kien jirrizulta car illi l-ligi tiddiskrimina bejn tfal imwielda goz-zwieg minn tfal fic-cirkostanzi identici li twieldu barra miz-zwieg.

11. Illi dan l-istat ta' fatt kien lesiv tad-Drittijiet Fondamentali u kostituzzjonali tar-rikorrenti, u cioe` ta' l-Artikoli 32 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll tad-drittijiet protetti mill-Artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem liema Konvenzjoni u Protocol kienu jiffurmaw parti mill-Ligijiet ta' Malta abbazi tal-Att XIV tal-1987.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu lill-Qorti joghgobha taghti kull rimedju li jidrilha xieraq biex jitwettqu d-drittijiet fundamentali fuq imsemmija, fosthom li tiddikjara nulli u bla effett l-imsemmija artikolu 17(1)(a) tal-Kap 188 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' kull disposizjoni ohra li tiddiskrimina kontra r-rikorrenti minorenni milli jibbenifika mid-dritt ghal cittadinanza Maltija sancit fl-Artikolu 5(2)(b) ta' l-istess Att.

## B. ECCEZZJONIJIET:

Rat ir-risposta ta’ l-intimati li eccepew:

1. Preliminarjament la l-Onor. Prim Ministru u l-anqas il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni ma kienu legittimi kontradritturi f’din il-kawza ghar-ragunijiet segwenti:

a) Il-Prim Ministru ma kienx il-persuna indikata fil-ligi li kellha tohrog xi certifikat ta’ cittadinanza;

b) U fejn ligi tkun qed tigi attakkata ghaliex allegatament tmur kontra l-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni, l-Artikolu 181B tal-Kap 12 jindika li huwa l-Avukat Generali li ghandu jirrispondi;

c) Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni ma kienu johorgu ebda certifikat ta’ cittadinanza u fir-rikors promotorju imkien ma kien hemm imsemmi l-agir tieghu.

2. Preliminarjament ukoll kienet trid issir tal-prova dwar min hu verament il-missier u dan skond kif tipprovdi l-Ligi ta’ Malta fil-Kap 16 jew fil-Kap 12 (Artikoli 826 u 827).

**Inapplikabilita` ta’ l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.**

3. (a) Dan l-Artikolu kien inapplikabbli ghaliex imkien ma jsemmi l-bazi ta’ twelid fl-ewwel paragrafu tieghu izda jsemmi biss:

‘razza, post ta’ origini, fehmiet politici, kulur, twemmin jew sess’

isegwi li d-distinzjoni msemmija mir-rikorrenti mhix indikata.

b) Dan l-Artikolu ma kienx japplika wkoll ghaliex il-Kostituzzjoni stess fl-Artikolu 46(1) kienet teskludih u ssemmi biss l-Artikoli 33 sa 45.

c) Dan l-Artikolu kien biss introduzzjoni ghal-lista tad-Drittijiet Umani kif inhu l-Ewwel Artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea li ma jistax jigi invokat.

**Inapplikabbilita` ta' l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni**

4. Dan l-Artikolu kien ukoll inapplikabbli ghaliex isemmi l-istess sitt bazi li jidhru taht il-paragrafu 3(a) u mkien ma kien isemmi 'twelid'. Id-distinzjoni msemmija mir-rikorrenti a kenitx indikata. (Ara pagna 11 tas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Jannar, 1997 fl-ismijiet Mario Buttigieg pro et noe versus l-Avukat Generali).

5. Illi l-Artikolu 17(1)(a) kien fil-Kostituzzjoni ta' Malta fil-Kap III qabel gie traspost fil-Kap 188 biex il-Ligi dwar ic-Cittadinanza tkun integrata u aktar accessibbli ghac-cittadin u ghall-avukat prattikanti. U ghalhekk il-Kostituzzjoni stess kienet qed taccetta dan l-Artikolu bhala wiehed konformi ma' l-istess Kostituzzjoni. Isegwi li ma jistax issa jinghad li t-tali artikolu issa tilef il-kostituzzjonalita` tieghu.

6. Illi bla pregudizzju ghas-suespost id-differenza msemmija fl-Artikolu 17 tal-Kap 188 kienet gustifikata ghaliex waqt li min hi l-omm kien stat ta' fatt li kien jista' jigi accertat, mhux l-istess fil-kaz tal-missier. Il-legislatur kien irid ikollu rabta soda biex jista' jaghti c-cittadinanza. Huwa propju ghalhekk li l-ligi taghti c-cans li xorta wiehed jista' jiehu c-cittadinanza jekk 'ikun legittimat'.

**Inapplikabbilita` ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

7. Skond ir-rikors promotorju l-ilment ewlieni kien dwar in-nuqqas ta' ghoti ta' cittadinanza. Dan l-artikolu ma kienx applikabbli ghaliex ic-cittadinanza mhux dritt li johrog mill-Konvenzjoni kif juri d-dokument A mill-Ewwel Volum ta' l-iStrasbourg Case Law.

**Inapplikabbilita` ta' l-Arikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea**

8. La l-Artikolu 8 ma kienx japplika, awtomatikament ma kienx japplika l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

"In Family K and W versus the Netherlands, the Netherlands allowed the alien wives, but not husbands, of Dutch citizens to obtain Dutch nationality. Although the distinction was important in that spouse who had Dutch nationality could not be seperated from his or her family by expulsion, the Commission held that Article 14 did not apply because the case concerned the right to nationality which was not a Convention right". Page 466: Law of the European Convention on Human Rights – DJ Harris, M O'Boyle and C Warbrick.

9. Ghar-ragunijiet fuq esposti, it-talbiet tar-rikorrenti kellhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Xehdet ir-rikorrenti u qalet li jisimha Anne Miller u li hi Skocciza u li ghandha cittadinanza tar-Renju Unit b'passaport tar-Renju Unit. Qalet li darba kienet mizzewga u kunjomha kien Young, liema zwieg gie terminat b'divorzju u li l-isem prezenti taghha llum huwa Anne Miller. Semmiet li kellha relazzjoni mas-Sur Genovese minn Gunju 1991 sa Awissu 1995 u li l-ewwel darba li ltaqghet mieghu kien f'Malta, f'Gunju 1991. Qalet li minn din ir-relazzjoni twieled Ben Alexander Genovese fit-2 ta' April 1996 fl-iSkozja. Kompliet tghid li r-relazzjoni taghhom waqfet meta lis-Sur Genovese qaltlu li kienet qed tistenna tarbija u li kien is-Sur Genovese li ma riedx ikompli bir-relazzjoni. Qalet li l-ahhar darba li rat lis-Sur Genovese kien fis-sajf 2001 f'Malta u li Dr. Dingli kien irrangalhom l-appuntament. Ziedet tghid li meta spiccat ir-relazzjoni taghhom hi kienet l-iSkozja. Semmiet li wara li

twieled Ben, hi riedet tirregistra lil Ben bil-kunjom Genovese izda l-Ligi Skocciza riedet il-kunsens tal-missier u s-Sur Genovese ma rrisponda ghal ebda ittra mibghuta mill-Qorti Skocciza, ghas-sentenza mill-Qorti Skocciza biex ikollu r-registrazzjoni ta’ Ben taht il-kunjom Genovese.

Qalet li hi xtaqet li binha Ben ikollu citadinanza doppja u l-Kummissarju ghal Malta f’Londra qalilha li jekk ikollha l-kunjom Genovese fuq ic-certifikat tat-twelid, hi setghet ikollha cittadinanza doppja ghalih. Kompliet tghid li hi ma rnexxilhiex taghmel hekk u ghalhekk iddecidiet li tqabbad avukat u marret ghand ‘Dingli and Dingli’. Dwar manteniment qalet li meta marret ghand Dingli and Dingli f’Settembru 2000, fethet kawza ta’ manteniment quddiem il-Qrati Maltin u sostniet li fl-iSkozja qatt ma kienet ghamlet dan ghax hasbet li biz-zmien is-Sur Genovese jikkontattjaha u jerfa’ r-responsabilita` ta’ ibnu izda dan ma sehhx. Qalet li l-aktar haga importanti dak iz-zmien kienet li jkollha c-certifikat tat-twelid ta’ binha bil-kunjom Genovese, il-manteniment kien sekondarju. Semmiet li minn Awissu 1995 sat-2 ta’ April 1996 ma kellha l-ebda relazzjoni ohra. Qalet li hi xtaqet li binha jkollu cittadinanza doppja ghax hu gej minn zewg kulturi u ghalhekk riedet li tirrangalu l-affarijiet halli fil-futur ikollu c-cans li jaghzel.

Xehed <u>Dr. Kevin Dingli</u> u semma li r-rikorrenti fid-19 ta’ Settembru 2000 kienet inkarigatu u bdew korrispondenza u mbaghad ir-rikorrenti kienet giet Malta u tkellmu anke ma’ Dr. Bencini. Semma li r-rikorrenti kienet inghatat parir mill-Malta High Commission fejn qalulha li biex it-tifel taghha Ben ikun jista’ jottjeni c-cittadinanza Maltija kien billi l-missier jigi msemmi fl-att tat-twelid tat-tifel. Bhala rizultat ta’ dak kollu a bazi ta’ dak il-parir li nghatat mill-Malta High Commission ir-rikorrenti istitwiet proceduri kontra Joseph Genovese quddiem it-Tribunali tal-Skozja fejn bis-sahha ta’ dawn il-proceduri Joseph Genovese gie dikjarat mill-Qrati Skoccizi li huwa l-missier tat-tarbija Ben Genovese. Zied jghid li wara dak kollu kien hemm ripensament u lir-rikorrenti qalulha li t-tifel taghha ma

setax jigi registrat bhala cittadin Malti nonostante li kienu kitbulha b' dak il-mod l-ewwel darba.

Semma li r-rikorrenti ikkomunikat maghhom biex jirregistraw ic-certifikat tat-twelid Malta pero` dak ma kienx possibbli ghax id-Direttur tar-Registru Pubbliku kien qal li l-ewwel irid jinghata c-cittadinanza Maltija lit-tifel qabel ma jigi registrat hawn Malta l-att tat-twelid Skocciz tieghu u ghalhekk bdew jikkomunikaw mad-Dipartiment tac-Cittadinanza hawn Malta. Qal li hu kkonsulta l-artikoli tal-ligi li gie riferit lejhom mid-Direttur u sab sentenza li sempliciment tiddikjara min hu l-missier ta' tarbija ma tistax tigi ezegwita. Qal li ma hemm xejn x'tezegwixxi fil-konfront ta' dikjarazzjoni ta' min hu missier it-tarbija.

Qal li fid-29 ta' Novembru 2000 ikkomunika permezz ta' telefonati u inkontri ma' Mr. Joe Mizzi impjegat fl-ufficcju tad-Direttur tac-Cittadinanza fejn qal li huma joqghodu fuq is-sentenza tal-Qorti Skocciza u minhabba f'hekk ottjenew mill-iSkozja ***legal opinion*** li kienet originali u li wriet li s-sentenza kienet valida skond il-ligijiet tal-iSkozja u ottjenew ukoll xi korrispondenza mill-i***Scottish Court Service***. Semma li fil-25 ta' Mejju 2001 kellu inkontru ma' Dr. Bencini ma' Mr. Joe Mizzi u ma' Mr. Falzon fl-ufficcju tac-cittadinanza u dawn irrifjutaw li jiccaqilqu u li l-pozizzjoni taghhom kienet li l-Parlament Malti skond huma, qatt ma kellu l-intenzjoni li jikkonferixxi cittadinanza Maltija fuq it-tfal illegittimi tal-missirijiet Maltin. Ghalhekk huma hassew li din hija diskriminatorja, kontra l-ligi, kontra l-Kostituzzjoni u anke kontra l-Konvenzjoni Ewropeja ghax kienu qed jiddiskriminaw fuq tfal legittimi u tfal illegittimi u ghalhekk fethu l-proceduri Kostituzzjonali ghax ma kellhom ebda alternattiva ohra.

Qal ukoll li ghan-nom ta' Ms. Miller kien fetah proceduri ohra Civili ghall-manteniment fil-konfront ta' Joseph Genovese (Cit. Nru.: 629/01RCP) fejn dan attenda ghal seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia u accetta li jsiru t-testijiet tad-DNA. Qal li mit-testijiet irrizulta li Joseph Genovese huwa l-missier naturali tat-tifel skond rizultat ta' 99.999%. Semma li Joseph Genovese qatt ma cahad li hu missier it-tarbija izda hu kien wahhal

fir-rikorrenti ghax hi kienet qaltlu li ma tistax issir pregnant u mbaghad meta saret pregnant hu rrabja.

Rat ir-rapport ta' Synergene Technologies Limited a fol 65 u 66 tal-process, li fih gie konkluz illi:
**"These results are consistent with the alleged father, (client Case number PT45F; Date of birth: 13/11/47), being the biological father of the tested child (client Case number PT45C; Date of birth:02/04/96). The alleged father is not excluded from paternity and the results indicate a Combined Paternity Index (CPI) of 463,361 (463 thousand times more likely that he is the father) of the child (Date of birth:02/04/96) than if they are unrelated. The probability of paternity given the DNA evidence is at least 99.99%."**

Rat is-sentenza tas-27 ta' Frar, 2003 tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr Raymond C. Pace fl-ismijiet **Avukat Dr. Kevin Dingli bhala mandatarju specjali tal-assenti Anne Miller ghan-nom u fl-interess ta' binha minuri Ben Alexander Genovese u l-istess Dr. Kevin Dingli gie konfermat bhala kuratur "ad litem" tal-imsemmi minuri Ben Alexander Genovese b'digriet tas-7 ta' Frar, 2002 vs Joseph Genovese** (a fol 75 sa 88 tal-process), fejn fiha l-Qorti kkonkludiet:
"(1) Tiddikjara lill-konvenut Joseph Genovese bhala l-missier naturali tat-tifel mninuri Ben Alexander Genovese, imwieled fl-iSkozja fit-2 ta' April, 1996.
(2) Tiddikjara wkoll li l-konvenut ghandu l-obbligu li jmantni lill-imsemmi minuri Ben Alexander Genovese imma minhabba l-fatt li prezentement m'ghandux introjtu sufficjenti din il-Qorti m'hijiex f'pozizzjoni li tillikwida jew tiffissa xi ammont ta' manteniment. Illi pero` din il-Qorti tirriserva kull dritt lill-attur nomine li jipprocedi ulterjorment sabiex jigi akkordat il-manteniment xieraq jekk is-sitwazzjoni finanzjarja tal-konvenut tibidel u jkun f'pozizzjoni li jista' jmantni lill-istess ibnu.
Bl-ispejjez kontra l-konvenut."

Rat l-affidavit ta' Anne Miller a fol 96 sa 99 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti Anne Miller a fol 106 sa 121 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Generali, tal-Prim Ministru, tal-Ministru tal-Intern, tad-Direttur tac-Cittadinanza u tal-Expatriates, tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni a fol 131 sa 141 tal-process.

**D. KUNSIDERAZZJONIJET:**

***Legittimi kontraditturi***

Din il-Qorti ghandha l-ewwel obbligu li tezamina l-eccezzjonijiet preliminari u cioe` li la l-Onor Prim Ministru u l-anqas il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni m'huma legittimi kontradutturi f'din il-kawza ghar-ragunijiet segwenti:

a) Il-Prim Ministru mhux il-persuna indikata fil-ligi li ghandha tohrog xi certifikat ta' cittadinanza;

b) U fejn ligi tkun qed tigi attakkata ghaliex allegatament tmur kontra l-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni, l-Artikolu 181B tal-Kap 12 jindika li huwa l-Avukat Generali li ghandu jirrispondi;

c) Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni ma johrog ebda certifikat ta' cittadinanza u fir-rikors promotorju imkien m'hemm imsemmi l-agir tieghu.

Din il-Qorti kif presjeduta gja kellha l-opportunita` li tezamina dawn l-aspetti fil-kawza **Vella Brian vs Avukat Generali 24/11/04 PA sede Kost** fejn qalet:

"Permezz tal-Att XXIV tal-1995 gie introdott l-artikolu gdid 181 B. Dan jispecifika min ghandu jirraprezenta l-Istat fi proceduri fil-Qrati b'mod specifiku u fis-subinciz (1) jghid li: "(1) Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni…

(2) L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba

ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.”

Illi fis-sentenza fl-ismijiet George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et deciza fl-14 ta’ Marzu 2002 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Imh. P. Vella, proprju dwar eccezzjoni simili li giet sollevata mir-Registratur tal-Qrati f’kawza dwar "fair hearing" minhabba dewmien fil-proceduri kagjonati mill-avversarja u minn Imhallef li ghal xi zmien kien qed jippresjedi l-istess proceduri, il-Qorti rriteniet li :

"l-art. 181B jipprovdi li l-Gvern, igifieri l-istat, ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Barra minn hekk is-subinciz (2) tal-istess artikolu jipprovdi wkoll li l-Avukat Generali jirrapprezenta l-Gvern f’dawk l-atti w azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra dipartimenti ohra tal-Gvern. Mela huwa l-Avukat Generali li jirrapprezenta lill-Gvern in rapprezentanza tal-Istat. Illi huwa ben saput li fid-dritt Kostituzzjonali u konvenzjonali li l-Gudikatura hija indipendenti mill-Ezekuttiv u certament ma tistax titqies bhala Dipartiment tal-Gvern…..”

Ukoll fis-sentenza tal-kawza Edmond Mugliette vs Registratur tal-Qorti tal-Revizjoni tal-Atti Nutarili deciza fit-12 ta’ Gunju 2002 mill-Prim Awla [sede Kost] mill-Imh. J. Galea Debono insibu:
“Issa fil-kaz odjern minn ezami akkurat tar-rikors promotur u d-depozizzjoni guramentata tar-rikorrent, imkien ma jidher li r-rikorrent qed jallega xi nuqqas jew abbuz fl-agir tar-Registratur tal-Qorti tal-Atti tar-Revizjoni Notarili "ut sic", imma qed jilmenta biss mill-operat tal-Imhallef li qed jippresjedi dik il-Qorti li bl-agir tieghu qed jikkostringieh joqghod ghall-ordnijiet u restrizzjonijiet fuq il-movimenti tieghu li jilledu d-drittijiet fundamentali tieghu li cahadlu diversi rikorsi tieghu biex hu jigi ezentat minn dawn ir-restrizzjonijiet fuq il-liberta` ta’ azzjoni tieghu u fuq l-uzu u t-tgawdija tal-proprjeta tieghu u sahansitra intimalu l-possibilita‘ li jkollu jiffaccja proceduri ghad-disprezz tal-awtorita` tal-Qorti jekk ma jkomplix jattendi ghall-accessi.

Qed jilmenta wkoll sa certu punt mill-agir tal-inventarjant tal-atti tan-Nutar Hayman nominat mill-istess Qorti, li qed izomm accessi ta' spiss fil-fond li jappartjeni lilu u b'hekk jikkostringieh li jkun prezenti biex jiftah u jaghalaq u b'hekk ma jistax jattendi ghall-attivitajiet ohra normali tal-hajja tieghu u ghall-safar fuq xoghol. Inoltre r-rikorrent qed jilmenta ukoll mill-fatt li l-Gvern ma ipprovdiex post iehor adegwat fejn jistghu jinzammu l-atti pubblici u dokumenti kollha li kien hemm fl-ufficju tal-mibki Nutar John Hayman, post li pero`, kif semghet din il-Qorti, qed jigi allestit min-Nutar tal-Gvern, Dr. Franco Pellegrini li hu l-kap tad-dipartiment koncernat.

Illi zgur li mhux funzjoni ordinarja tar-Registratur tal-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Notarili li jipprovdi post fejn jistghu jinhaznu dawn id-dokumenti notarili, tant li din ir-responsabblta' giet assunta u mistennija li titwettaq f'qasir zmien min-Nutar tal-Gvern kif fuq intqal, li huwa l-kap tad-dipartiment koncernat …

Ghalhekk kemm fid-dawl tal-emendi ghall-Art. 181 ta-Kap. 12 u l-insenjament tal-gurisprudenza in materja fuq citat, jidher b'mod car li l-eccezzjoni preliminari tal-intimat Registratur tal-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Nutarili, li hu mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri hija altru milli fondata, u ghalhekk qed tigi milqugha."

Bl-istess mod jinghad li l-ilment fir-rikors odjern ma huwiex verament dirett versu l-operat tal-Onor. Prim Ministru u tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni. It-talba tar-rikorrenti hi biex din l-Qorti joghgobha taghti kull rimedju li jidrilha xieraq biex jitwettqu d-drittijiet fundamentali fuq imsemmija, fosthom li tiddikjara nulli u bla effett l-imsemmija artikolu 17(1)(a) tal-Kap 188 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' kull disposizjoni ohra li tiddiskrimina kontra r-rikorrenti minorenni milli jibbenifika mid-dritt ghal cittadinanza Maltija sancit fl-Artikolu 5(2)(b) ta' l-istess Att. Hadd minn dawn ma ghandu xi mansjoni fil-ligi li jiddeciedi fuq xi talba dwar cittadinanza jew li johrog xi certifikat relattiv. Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-intimati Onor Prim Ministru u Kummissarju tal-Pulizija u l-Ufficjal Principali ta' l-

Immigrazzjoni u tilliberhom mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

***Bazi tar-rikors odjern***

Jekk wiehed jezamina il-qofol tal-kwistjoni isib li l-ilment tar-rikorrenti hu bazat fuq dak imsemmi fir-rikors fis-sub-artikoli 5 sa 7 u cioe`:

5. Illi l-Artikolu 5(2)(b) tal-Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li fil-kaz ta' persuna mwielda "fi jew wara l-1 ta' Awissu 1989" u li "jitwieled barra minn Malta fi jew gurnata stabilita jitqies li jkun sar jew isir cittadin ta' Malta fil-gurnata tat-twelid tieghu jekk fil-gurnata tat-twelid ta' dik il-persuna missierha jew ommha tkun cittadin ta' Malta".

6. Illi ghalkemm Ben Genovese jikkwalifika pjenament ghal cittadinanza Maltija skond il-kriterji ghac-cittadinanza kontemplati fl-imsemmi artikolu, fil-fatt pero` qed jigi prekluz minn dan id-dritt minhabba diskriminazzjoni fil-konfront tieghu ibbazata fuq il-fatt li twieled barra miz-zwieg u allura hu illegittimu.

7. Din id-diskriminazzjoni tirrizulta mill-Artikolu 17(1)(a) tal-Kap 188, liema artikolu jistipula li "f'dan l-att", "kull riferenza ghall-missier ta' persuna ghandha, dwar persuna mwielda barra miz-zwieg u mhux legittima tiftiehem bhala riferenza ghall-omm ta' dik il-persuna".

Il-problema ta' Ben Genovese hi bazata fuq li hu twieled barra miz-zwieg u allura hu "illegittimu" [termini tar-rikors] u dak li jsemmi l-artikolu 17(1)(a) tal-Kap 188, liema artikolu jistipula li "f'dan l-att",
"kull riferenza ghall-missier ta' persuna ghandha, dwar persuna mwielda barra miz-zwieg u mhux legittima tiftiehem bhala riferenza ghall-omm ta' dik il-persuna…"

Il-Kap 188 jittratta c-cittadinanza Maltija u fl-artikolu 5 (1) jittratta l-ksib ta' cittadinanza bi twelid waqt li l-5 (2) jitkellem dwar il-ksib ta' cittadinanza dwar persuni mwieldin barra minn Malta. Issir ukoll distinzjoni bejn persuni imwielda qabel il-31 ta' Lulju, 1989 u dawk li twieldu wara. Ben Alexander Genovese twieled barra

minn Malta u ghalhekk mhux applikabbli l-artikolu 5 (1) izda twieled wara l-1 ta’ Awissu, 1989, u fil-kors ta’ kawzi ohra gie ippruvat li missieru hu cittadin Malti [ara sentenza 27 ta’ Frar, 2003 tal-kawza fl-ismijiet **Avv Dr Kevin F Dingli noe vs Joseph Genovese**] u kien ikun applikabbli ghalih l-artikolu 5 (2) (b) tal-Kap 188 li kieku mhux ghall-artikolu 17 (1) (a). Infatti l-artikolu 17 (1) (a) jghid li f’dan l-Att –
“Kull riferenza ghall-missier ta’ persuna ghandha, dwar persuna mwielda barra miz-zwieg u mhux legittima, tiftiehem bhala riferenza ghall-omm ta’ dik il-persuna”

Ir-rikorrenti sostniet li din hi diskriminazzjoni, u li din tammonta ghall-vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni, u li jinkombi fuq il-Qorti li tordna r-rimedji necessarji. Ir-rikorrenti ssostni li qieghed jigi negat id-dritt tac-cittadinanza lil dan it-tifel semplicement ghax imwieled barra miz-zwieg, u billi missieru mhux ommu ghandu c-cittadinanza maltija. Sostniet li hemm diskriminazzjoni dwar is-sess tal-missier tat-tifel, u dwar il-fatt li l-ligi titkellem dwar l-illegittimita` tieghu.

Minn-naha taghhom l-intimati sostnew li ghalkemm l-imsemmi Ben Alexander Genovese akkwosta drittijiet ta’ manteniment u successjoni, hu xorta wahda mhux intitolat ghac-cittadinanza, u li ma hemm xejn kontra l-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni f’dan ir-rigward. Infatti l-intimati sostnew li l-artikolu 17 (1) (a) tal-Kap 188 hu formulat hekk minhabba li ***Mater semper certa est*** ghall-kuntrarju tal-missier u li kieku l-omm kienet maltija kieku t-tifel kien jista’ jiehu c-cittadinanza.

***<u>Allegat ksur tal-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta</u>***
L-artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni li jirreferi ghat-twettiq ta’ disposizzjonijiet protettivi jitkellem dwar id-dritt ta’ kull persuna li titlob lill-Prim’Awla ghal rimedju minhabba li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni tkun giet, tkun qed tigi jew tkun x’aktarx ser tigi miksura. Sfortunatament l-artikolu 32 ma hux indikat taht l-artikolu 46 (1) u ghalhekk id-drittijiet hemm imsemmija ma jaqghux fl-ambitu tal-protezzjoni moghtija fl-artikolu 46. Ghalhekk tichad it-talba tar-

rikorrenti taht dan l-aspett [ukoll jigi notat li fil-kors tan-nota tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti din lanqas baqghet tinsisti fuq l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni].

***<u>Allegat ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>***

L-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar il-protezzjoni minn diskriminazzjoni minhabba razza ecc. u fis-sub-artikolu 1 tieghu jghid:

"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-sub-artikoli (4), (5) u (7) ta' dan l-artikolu, ebda ligi ma ghandha taghmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnfisha jew fl-effett taghha".

Fis-sub-artikolu 3 tal-artikolu 45 hemm definizzjoni tal-kelma diskriminatorju.

"F'dan l-artikolu il-kelma "diskriminatorju" tfisser ghoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli ghal kollox jew principalment ghad-deskrizzjoni taghhom rispettiva skond ir-razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi jew sess li
minhabba fihom persuni ta' deskrizzjoni wahda bhal dawn ikunu suggetti ghal inkapacitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn ma jkunux suggetti ghalihom jew ikunu moghtija privileggi jew vantaggi li ma jkunux moghtija lil persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn."

Interessanti li wiehed jikkwota mis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali deciza fil-31 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet **Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru:**

"li illum pacifiku illi hemm diskriinazzjoni meta 1]kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjoniiet ugwali 2] jigu trattati b'mod diferenti [inkluz permezz ta imposizzjoni ta' inkapacitajiet jew restrizzjonijiet jew l-ghoti ta' privileggi jew vantagg], 3]meta ma jkunx hemm bazi objettiva u ragjonevoli ghal tali trattament differenti [tali bazi obiettiva u ragonevoli tigi nieqsa meta t-trattament differenti jkun attribwibli ghal kollox jew principalment minhabba r-razza, il-post ta' l-origini, l-opinjonijiet politici, eccetrera tal-persuni] jew 4] jekk ma jkunx hemm rapport ragonevoli ta'

proporzjonalita ejn il-mezzi impjegati u l-iskopp vizwalizzat [ara Il-Pulizija vs Dr. Joseph Muscat Prim' Awla sede Kostituzzjonali - 28 ta' Lulju 1989, Avukat Dr. Tonio Borg noe vs Ministru Tal-Affarijiet Barranin u Kultura et - Prim Awla sede Kostituzzjonali - 2 ta' Mejju 1984, Carmel Coccopardo vs Ministru tax-Xoghlijiet et - Qorti Kostituzzjonali 20 ta' Frar 1987 u osta ohrajn.] Ir-rikorrent mhux rikjest li jipprova r-raguni li mmotivat dik id-diskriminazzjoni imma huwa obbligat li jipprova l-fatt tal-diskrimininazzjoni. Jekk imbaghad tali fatt jirrisulta ikun jispetta lil Gvern li juri li dak l-agir kien fic-cirkostanzi gustifikat.

Fil-kaz presenti ma rrizultax id-diskriminazzjoni allegata. Il-persuna ma' liema r-rikorrent ghamel il-paragun kien ukoll lettur l-Universita u danil-fatt kien jimporta distinzjoni materjali in konsiderazzjoni ta' kif kienu ffrasati r-regoli applikabli. Il-kariga ta' lettur ta' l-Universita ghandha sinjifikat legali specifika u tapplika biss ghal dawk li huma appuntati hala tali mill-kunsill ta' l-Universita."

Fil-kawza deciza mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji [li President tieghu kien l-Imhallef sedenti f'din il-kawza] fit-22 ta' Novembru 2001 fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Hili vs Chairman Bank of Valletta et** intqal:

"Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva tratatment differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti….Ara wkoll "Law of the European Convention on Human Rights" - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, u "Law and Practice of the European Convention on Human Rights" - Gomien Harris, and Zwack pag 345 et]. Ara wkoll Vol LXXVII-I-127 u 136."

U l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni jghid:

“It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f’din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma’ minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status iehor.”

Issa fil-kawza ta’ **Gaygusuz vs Austria** deciza mill-Qorti Ewropea fis-16 ta’ Settembru, 1996 fil-paragrafi 36 u 42 tas-sentenza il-Qorti kienet dahhlet fuq l-aspett ta’ diskriminazzjoni u qalet:
36. According to the Court's established case-law, Article 14 of the Convention (art. 14) complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 (art. 14) does not presuppose a breach of those provisions - and to this extent it is autonomous - there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of them (see, among other authorities, the Karlheinz Schmidt v. Germany judgment of 18 July 1994, Series A no. 291-B, p. 32, para. 22)…

42. According to the Court's case-law, a difference of treatment is discriminatory, for the purposes of Article 14 (art. 14), if it "has no objective and reasonable justification", that is if it does not pursue a "legitimate aim" or if there is not a "reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised"....
Fuq l-istess aspett insibu ukoll il-kaz ta’ **Wessels-Bergervoet vs the Netherlands** deciz mill-Qorti Ewropea fl-4 ta’ Settembru, 2002 fejn jinghad:
“46. The Court reiterates that the right under Article 14 not to be discriminated against in the enjoyment of the rights guaranteed under the Convention is violated when States treat differently persons in analogous situations

without providing an objective and reasonable justification (see *Thlimmenos*, cited above, § 44).”

L-intimati eccepew li l-artikolu 45 mhux applikabbli ghaliex isemmi l-istess sitt bazi msemmija fl-artikolu 32(3)(a) u cioe` razza, post ta’ origini, fehmiet politici, kulur, twemmin jew sess, u imkien ma jsemmi twelid u jirreferu ghal pagna 11 tas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Mario Buttigieg pro et noe vs Avukat Generali** tas-17 ta’ Jannar 1997 pagna 11. Hawnhekk il-Qorti tinnota li huwa veru li t-twelid mhux imsemmi izda hu inkluz is-sess.

Huwa ovvju li l-legislatur ried jipprotegi lill-individwu kemm mid-diskriminazzjoni permezz tal-ligi [art 45 (1)] kif ukoll minn trattament diskriminatorju [art 45 (2)]. Fl-artikolu 45 (1) insibu kategorikament indikat li EBDA LIGI ma ghandha taghmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja Izda fil-fatt l-artikolu 17 tal-Kap 188 jaghmel distinzjoni notevoli bejn persuni imwielda fiz-zwieg ghal dawk imwieldin barra miz-zwieg b’mod tant qawwi li f’certu kazijiet itellifhom id-dritt ghac-cittadinanza. Id-diskriminazzjoni hija qawwija kemm mir-rekwiziti kif ukoll mill-effetti. Izda d-diskriminazzjoni fl-artikolu 17 (1) (a) ma tieqafx biss fuq it-twelid u cittadinanza izda tkompli diskriminazzjoni ohra meta taghmel kull referenza ghall-MISSIER tiftiehem bhala referenza ghall-OMM ta’ dik il-persuna. Din fil-fehma tal-Qorti tammonta ghal diskriminazzjoni ta’ sess.

Fil-kawza fuq imsemmija ta’ **Wessels-Bergervoet vs The Netherlands** fil-paragrafu 48 inghad:
“The Court concludes that the reduction in the applicant’s benefits under the Act was therefore based exclusively on the fact that she is a married woman. It has not been argued that the applicant failed to satisfy any of the other statutory conditions for benefits under the Act.“

Ukoll fil-kaz ta’ **Inze vs Austria** deciza fit-28 ta’ Ottubru 1987 fil-paragrafu 41 insibu:
“41. For the purposes of Article 14 (art. 14), a difference of treatment is discriminatory if it "has no objective and reasonable justification", that is, if it does not pursue a

"legitimate aim" or if there is not a "reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised" (see, inter alia, the Lithgow and Others judgment of 8 July 1986, Series A no. 102, pp. 66-67, § 177)…

In this respect, the Court recalls that the Convention is a living instrument, to be interpreted in the light of present day conditions (see, amongst various authorities, the Johnston and Others judgment of 18 December 1986, Series A no. 112, p. 25, § 53). The question of equality between children born in and children born out of wedlock as regards their civil rights is today given importance in the member States of the Council of Europe. This is shown by the 1975 European Convention on the Legal Status of Children born out of Wedlock, which is presently in force in respect of nine member States of the Council of Europe. It was ratified by the Republic of Austria on 28 May 1980, with a reservation (see paragraph 21 above) which is not relevant to the facts of the present case. Very weighty reasons would accordingly have to be advanced before a difference of treatment on the ground of birth out of wedlock could be regarded as compatible with the Convention (see, mutatis mutandis, the above-mentioned Abdulaziz, Cabales and Balkandali judgment, Series A n° 94, p. 38, § 78)."

F'dawn iz-zmienijiet il-legislatur Malti tant kemm ma jaqbilx mad-distinzjoni bejn tfal imnissla u mwielda bara miz-zwieg li fl-Att XVIII tal-2004 insibu l-eliminazzjoni ta' artikoli li precedentement kienu jaghmlu tali distinzjoni. Dak l-aktar li jidher car hu propju fl-artikolu 93 tal-Kodici Civili li jghid:
"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 89, il-genituri ta' tfal imnissla u mwielda barra miz-zwieg ghandhom lejn dawk it-tfal u d-dixxendenti taghhom l-istess dmirijiet li jmantnuhom u jedukawhom bhal ma ghandhom lejn tfal imwielda jew imnissla matul iz-zwieg, u dawk it-tfal ghandhom kwantu ghall-axxendenti taghhom u qraba ohra l-istess jeddijiet u dmirijiet li ghandhom tfal imwielda jew imnissla matul iz-zwieg."

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess mill-intimati li l-fatt li l-omm biss tittrasmetti c-cittadinanza lil uliedha barra miz-zwieg ma jikkostitwix diskriminazzjoni kontra l-missier. Fil-fehma tal-Qorti din hija diskriminazzjni fuq is-sess. Interpretazzjoni differenti ghalkemm f'xi kazijiet fis-sentenzi tal-Qrati taghna giet accettata twassal certament ghal censura mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani.

Hi importanti wkoll li ssir referenza ghall-kaz ta' **Paul u Evelyn Stoner vs Onorevoli Prim Ministru** deciz fit-22 ta' Frar 1996 mill-Qorti Kostituzzjonali. Hemm gie rilevat dwar it-trattament diferenti tal-mara u r-ragel proprju minhabba s-sess taghhom. Il-kaz huwa ftit differenti izda fl-istess hin juri car bhall-kazijiet internazzjonali l-ohra li l-interpretazzjoni tal-Qrati hija dejjem wahda li ma taccettax trattament differenti taht ebda forma dwar sess u naturalment ghall-konsegwenzi li tali interpretazzjoni tista' twassal.

Wiehed irid jezamina l-roblema sollevata mill-konvenuti li jsostnu li l-artikolu 45 mhux applikabbli ghall-kaz ghax jekk stess wiehed kellu jaccetta diskriminazzjoni f'dan l-artikolu mhux inkluz twelid. F'**Buttigieg vs Avukat Generali** deciza fis-17 ta' Jannar 1997 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili sede Kostituzzjonali ntqal:
"...Illi ... is-sottomissjoni tal-intimati fil-konfront ta' dan l-artikolu hija gustifikata. Infatti l-istess rikorrenti fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom ammettew li dan l-artikolu gie kkwotat bi zvista fir-rikors originali u talbu li din il-Qorti ma tikkunsidrahx bhala aggravju"
Ukoll hemm dak li intqal f' **Henely vs Prim Ministru et** deciza fil-15 ta' Frar 2002 riferibbilment ghall-applikabilita` tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni kien intqal:
"... Ghall finijiet tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni id-diskriminazzjoni trid tkun dovuta specifikament ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fis-subartikolu 3..."

Dan iwassal li l-konvenuti jsostnu li fil-kaz tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni l-kaz irid ikun imsemmi specifikament, u fil-kaz tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni dan irid ikun allaccjat ma' artikolu iehor li jsemmi tali infrazzjoni.

Izda l-Qorti kif imsemmi fuq ma taqbilx ma' dan. In kwantu dak imsemmi fl-artikolu 45 hemm specifikament imsemmi s-sess. Issa wiehed jista' joqghod jargumenta u jtawwal kemm irid u jghid li l-kawza mhux fuq hekk izda fuq twelid, jew izda fuq cittadinanza – izda l-fulkru tal-problema hu s-sess tal-MISSIER jew tal-OMM li jista' jghaddi d-drittijiet bhala konsegwenza tas-sess tal-genitur malti. Inghad mill-konvenuti li dan hu bazat fuq esigenzi u fuq il-principju tal-***mater semper certa est*** izda fid-dinja tal-lum u bid-DNA Tests kif inhu l-kaz in ezami dan jista' jigi stabbilit.

Minhabba f'ekk mhux il-kaz li jigu ezaminati l-aspetti l-ohra sollevati ghax il-Qorti ssib li gie stabbilit li bl-artikolu 17 (1) (a) tal-Kap 188 qed ikun hemm vjolazzjoni tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

**E. KONKLUZJONIJIET :**

Tiddikjara li l-artikolu 17 (1) (a) tal-Kap 188 tal-Ligijiet ta' Malta qedgha tiddiskrimina fuq il-bazi ta' sess, u li ghalhekk qedgha in vjolazzjoni tal-Artikolu 45 (1) u (3) tal-Kostituzzjoni, u li din qedgha tiddiskrimina konsegwenzjalment kontra Ben Alexander Genovese milli jibbenefika mid-dritt ghall-cittadinanza Maltija.

Spejjez kontra l-konvenuti l-Avukat Generali, il-Ministru ta' l-Intern, id-Direttur tac-Cittadinanza u tal-'Expatriates'.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------